**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0023/2022**

9.2.2022

# RAPPORT

dwar qafas strateġiku ġdid tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali wara l-2020 (inkluża protezzjoni aħjar tal-ħaddiema mill-esponiment għal sustanzi ta' ħsara, mill-istress okkupazzjonali u minn leżjonijiet minħabba movimenti ripetittivi)
(2021/2165(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Marianne Vind



*Magħquda fid-diversità*

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................27

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................29

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI........30

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar qafas strateġiku ġdid tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali wara l-2020 (inkluża protezzjoni aħjar tal-ħaddiema mill-esponiment għal sustanzi ta' ħsara, mill-istress okkupazzjonali u minn leżjonijiet minħabba movimenti ripetittivi) (2021/2165(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 153 u 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tal-Karta Soċjali Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol,

– wara li kkunsidra l Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030, b'mod partikolari l-mira 8.8 bit-titolu "Protezzjoni tad-drittijiet tax-xogħol u promozzjoni ta' ambjenti tax-xogħol sikuri",

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD) li għaliha l-UE u l-Istati Membri kollha tagħha huma partijiet,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) tan-NU bit-titolu "AR6 Climate Change 2021: the Physical Science Basis" (Is-sitt Rapport ta' Valutazzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima 2021: il-Bażi tax-Xjenza Fiżika),

– wara li kkunsidra l-Qafas Ewropew għal Azzjoni dwar is-Saħħa Mentali 2021-2025 tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol[2],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2021 bit-titolu "Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer" (COM(2021)0044),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 –

[1] Abbozz ta' riżoluzzjoni dwar il-qafas Ewropew tad-WHO għal azzjoni dwar is-saħħa mentali 2021-2025, il-71 Kumitat Reġjonali għall-Ewropa, 13-15 ta' Settembru 2021.
[2] ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel" (COM(2021)0323),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar modi effettivi ta' investiment fis-saħħa tat-23 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Supporting mental health of health workforce and other essential workers" (Nappoġġjaw is-saħħa mentali tal-ħaddiema tas-saħħa u ħaddiema essenzjali oħra),

– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-prinċipji 5 sa 10 tiegħu, ipproklamat b'mod konġunt fis-17 ta' Novembru 2017 mill-Parlament, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni (il-Pilastru),

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tal-4 ta' Marzu 2021,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Porto tal-Kunsill Ewropew tat-8 ta' Mejju 2021,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2019 dwar "L-Ekonomija tal-Benesseri", li jissottolinjaw l-importanza kruċjali tal-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "Health & Safety at Work – EU Strategic Framework (2021-2027)" (Saħħa u Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol – Qafas Strateġiku tal-UE (2021-2027)),

– wara li kkunsidra l-qafas tal-UE għal azzjoni dwar is-saħħa u l-benesseri mentali, adottat fil-konferenza finali dwar l-Azzjoni Konġunta dwar is-Saħħa u l-Benesseri Mentali tal-21-22 ta' Jannar 2016[3],

– wara li kkunsidra l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030,

– wara li kkunsidra l-ewwel rapport konġunt dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas tas-Sħab Soċjali Ewropej dwar id-Diġitalizzazzjoni (2021),

– wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) tal-24 ta' April 2020 bit-titolu "COVID-19: lura lejn il-post tax-xogħol – L-adattament tal-postijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tal-ħaddiema",

– wara li kkunsidra r-rapport tal-EU-OSHA tat-22 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "Telework and health risks in the context of the COVID-19 pandemic: evidence from the field and policy implications" (It-telexogħol u r-riskji għas-saħħa fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19: evidenza minn fuq il-post u implikazzjonijiet tal-politika),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2018 dwar il-mezzi possibbli ta' reintegrazzjoni tal-ħaddiema li qed jirkupraw minn korriment u mard f'impjieg ta'

[3] https://ec.europa.eu/research/participants/data/ref/h2020/other/guides_for_applicants/h2020-SC1-BHC-22-2019-framework-for-action_en.pdf

kwalità[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar il-protezzjoni Ewropea tal-ħaddiema transfruntieri u staġjonali fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar Ewropa soċjali b'saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-dritt għall-iskonnessjoni[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 dwar kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi, drittijiet u protezzjoni soċjali għall-ħaddiema tal-pjattaformi – forom ġodda ta' impjieg marbuta mal-iżvilupp diġitali[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-asbestos[9],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0023/2022),

A. billi fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni jrid ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;

B. billi skont il-Kostituzzjoni tad-WHO, "is-saħħa hija stat ta' benesseri komplet fiżiku, mentali u soċjali u mhux sempliċement in-nuqqas ta' mard jew diżabilità"[10];

C. billi skont id-WHO, "is-saħħa mentali hija stat tal-benesseri li fih l-individwu juża l-kapaċitajiet tiegħu, jista' jlaħħaq mal-istress normali tal-ħajja, jista' jaħdem b'mod produttiv u jista' jagħti kontribut lill-komunità tiegħu"[11];

D. billi fl-2018 kien hemm aktar minn 3 300 aċċident fatali u 3,1 miljun aċċident mhux fatali fl-UE-27; billi aktar minn 200 000 ħaddiem imutu kull sena minn mard relatat max-xogħol[12]; billi din id-data ma tinkludix l-aċċidenti kollha kkawżati minn xogħol mhux iddikjarat, li jagħmilha plawsibbli li wieħed jassumi li n-numri veri jiżbqu bil-kbir l-istatistika uffiċjali[13]; billi fl-2017, skont il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-

[4] ĠU C 433, 23.12.2019, p. 9.
[5] ĠU C 362, 8.9.2021, p. 82.
[6] ĠU C 445, 29.10.2021, p. 75.
[7] ĠU C 456, 10.11.2021, p. 161.
[8] Testi adottati, P9_TA(2021)0385.
[9] Testi adottati, P9_TA(2021)0427.
[10] https://www.who.int/about/governance/constitution
[11] Skeda informattiva tad-WHO bit-titolu "Mental health: strengthening our response" (Is-saħħa mentali: insaħħu r-rispons tagħna), Marzu 2018. https://www.who.int/news-room/fact-sheets/detail/mental-health-strengthening-our-response
[12] Stqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-sikurezza u s-saħħa u okkupazzjonali f'dinja tax-xogħol li qed tinbidel, 28 ta' Ġunju 2021. https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_21_3170
[13] Eurostat, Statistika dwar l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, Novembru 2020.

Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), 20 % tal-impjiegi fl-Ewropa kienu ta' "kwalità ħażina" u poġġew is-saħħa fiżika jew mentali tal-ħaddiema f'riskju akbar; billi 14 % tal-ħaddiema ġew esposti għal livell għoli ta' riskji psikosoċjali[14]; billi 23 % tal-ħaddiema Ewropej jemmnu li s-sikurezza jew is-saħħa tagħhom hija f'riskju minħabba xogħolhom; billi fl-2015, l-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol sab li 21 % tal-impjiegi fl-Ewropa kienu "impjiegi ta' kwalità għolja"[15]; billi x-xogħol fuq il-post tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol 2020 twaqqaf minħabba t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, iżda tnieda mill-ġdid f'Lulju 2021 bil-ħsieb li jiġi ppubblikat fl-aħħar tal-2022;

E. billi r-riskju ta' korriment relatat max-xogħol huwa aktar minn tliet darbiet ogħla għall-ħaddiema li ilhom jaħdmu fl-impjieg tagħhom għal inqas minn erba' ġimgħat milli għal dawk li ilhom jaħdmu fl-impjieg tagħhom għal aktar minn sena[16];

F. billi mhux il-pajjiżi kollha jsegwu l-istess xejra ta' tnaqqis fl-aċċidenti u l-imwiet fuq il-post tax-xogħol;

G. billi l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer għandu l-għan li jnaqqas il-piż tal-kanċer għall-pazjenti, il-familji tagħhom u s-sistemi tas-saħħa; billi l-kanċer huwa l-kawża ewlenija ta' mewt relatat max-xogħol, li jirrappreżenta 52 % tal-każijiet kollha ta' mewt relatat max-xogħol fl-UE; billi, skont stimi, il-karċinoġeni jikkontribwixxu għal 100 000 każ ta' mewt okkupazzjonali minħabba l-kanċer fil-postijiet tax-xogħol kull sena[17]; billi bejn 50 u 70 sustanza jew grupp ta' sustanzi ġew identifikati minn aġenziji u partijiet ikkonċernati differenti, u mid-WHO f'listi prijoritarji ta' karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol li għalihom huma meħtieġa valuri ta' limitu vinkolanti; billi fuq il-post tax-xogħol, il-ħaddiema jistgħu jiġu esposti għal taħlita ta' sustanzi li jistgħu jżidu r-riskji għas-saħħa, jikkawżaw effetti negattivi fuq is-sistemi riproduttivi tagħhom inkluż tfixkil fil-fertilità jew l-infertilità, u għandhom impatt negattiv fuq l-iżvilupp tal-fetu u l-produzzjoni tal-ħalib għat-treddigħ;

H. billi l-esponiment għall-asbestos jikkawża l-mewt ta' madwar 88 000 persuna fl-Ewropa kull sena, u dan jammonta għal bejn 55 u 75 % tal-kanċers tal-pulmun li jiżviluppaw fuq il-post tax-xogħol, u billi l-asbestos huwa l-kawża ewlenija tal-kanċer tal-pulmun, responsabbli għal 45 % tal-każijiet[18]; billi huwa stmat li r-rati tal-mortalità minn dan l-esponiment se jkomplu jiżdiedu lejn l-aħħar tas-snin 20 u s-snin 30 tas-seklu 21[19]; billi

---

[14] Eurofound, *Sixth European Working Conditions Survey – Overview report (2017 update)* (Is-Sitt Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol – Rapport ġenerali (aġġornament tal-2017)), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2017.

[15] Ix-xejriet tal-kwalità tal-impjiegi jissuġġerixxu li l-istampa tirrifletti differenzi sottili minflok polarizzazzjoni sempliċi bejn l-impjiegi ta' kwalità għolja u dawk ta' kwalità baxxa. L-analiżi tiġbor lill-ħaddiema f'ħames profili tal-kwalità tal-impjiegi: impjiegi "ta' kwalità għolja" (li jinkludu 21 % tal-ħaddiema); impjiegi "li jiffunzjonaw bla xkiel" (25 %); impjiegi "manwali attivi" (21 %); impjiegi "taħt pressjoni" (13 %); u impjiegi "ta' kwalità baxxa" (20 %). Ix-xejra tal-punteġġi tal-kwalità tal-impjiegi bejn il-profili huwa differenti, u dan isaħħaħ il-premessa li l-kwalità tal-impjiegi tinkludi dimensjonijiet differenti.

[16] https://www.safetyandhealthmagazine.com/articles/14053-new-workers-higher-risk

[17] EU-OSHA, *An international comparison of the cost of work-related accidents and illnesses* (Tqabbil internazzjonali tal-kost ta' aċċidenti u mard relatati max-xogħol), 2017

[18] Takala, J., dokument ta' ħidma – *Eliminating occupational cancer in Europe and global* (L-eliminazzjoni tal-kanċer okkupazzjonali fl-Ewropa u globalment), 2015, p. 6.

[19] "Global Asbestos Disaster" (Id-diżastru globali tal-asbestos), *International Journal of Environmental Research and Public Health*, 2018.

għalkemm l-asbestos ilu pprojbit fl-UE mill-2005, għadu sikwit preżenti f'binjiet amministrattivi, skejjel, djar, infrastruttura, faċilitajiet tat-trasport pubbliku u networks tal-provvista tal-ilma; billi 80 % tal-każijiet ta' kanċers okkupazzjonali rikonoxxuti fl-Istati Membri huma relatati mal-asbestos;

I. billi fatturi bħar-radjazzjoni, l-istress, l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol kollha ġew marbuta mal-kanċer relatat max-xogħol; billi l-każijiet tal-kanċer tal-ġilda bħala waħda mill-aktar mard okkupazzjonali mifruxa qed jiżdiedu minħabba diversi fatturi inkluż it-tibdil fil-klima, filwaqt li proporzjon żgħir ħafna ta' tumuri tal-ġilda relatati max-xogħol huwa rikonoxxut bħala marda okkupazzjonali; billi l-ħaddiema li jaħdmu fuq barra, b'mod partikolari dawk li jaħdmu fis-setturi tal-agrikoltura, tal-forestrija, tal-kostruzzjoni u tat-turiżmu, jiffaċċjaw riskju sinifikanti li jiżviluppaw kanċer tal-ġilda mhux tal-melanoma minħabba livelli għoljin ta' esponiment għar-radjazzjoni UV; billi l-ħaddiema fis-settur tal-kura tas-saħħa u tal-emerġenza, li għandhom rwol fundamentali fit-tħejjija u r-rispons għall-emerġenzi, bħall-ħaddiema tat-tifi tan-nar u l-infermiera, jiffaċċjaw ukoll esponimenti simili kif ukoll stress addizzjonali minħabba żieda fl-ammont ta' xogħol li jista' jżid ir-riskji psikosoċjali; billi għad m'hemmx approċċ Ewropew komuni lejn il-prevenzjoni tal-esponiment għar-radjazzjoni UV[20]; billi attwalment hemm nuqqas ta' data affidabbli u komparabbli fil-livell tal-UE dwar l-esponiment fuq il-post tax-xogħol għall-fatturi ta' riskju tal-kanċer[21]; billi 2 % tal-piż Ewropew tal-kanċer jista' jiġi attribwit għar-radjazzjoni jonizzanti u li l-esponiment għar-radon ġewwa bini u l-prodotti tad-diżintegrazzjoni tiegħu huwa t-tieni kawża ewlenija tal-kanċer tal-pulmun fl-Ewropa[22][23];

J. billi t-tibdil fil-klima diġà kellu u se jibqa' jkollu effetti ta' detriment fuq is-saħħa tal-bniedem, is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol; billi skont l-aħħar rapport tal-IPCC, il-kundizzjonijiet tax-xogħol se jiġu affettwati dejjem aktar minn bidliet sinifikanti fix-xejriet tat-temp bħal mewġiet ta' sħana u xita qawwija; billi żieda fl-esponiment għal temperaturi għolja fuq il-post tax-xogħol taggrava r-riskji ta' kolpi ta' sħana, deidratazzjoni, għeja, nuqqas ta' konċentrazzjoni u kumplikazzjonijiet ta' mard kroniku; billi l-mard relatat max-xogħol marbut ma' aġenti bijoloġiċi huwa affettwat ukoll mit-tibdil fil-klima, minħabba li ż-żieda fit-temperaturi, pereżempju, tista' taffettwa d-distribuzzjoni ġeografika tal-vetturi ta' aġenti bijoloġiċi (qurdien, nemus), u b'hekk tiffaċilita t-tixrid ta' mard li jkun ġdid għal reġjun partikolari; billi huwa essenzjali li l-prattiki tax-xogħol jiġu adattati biex iqisu l-effetti tat-tibdil fil-klima[24];

K. billi ambjent tax-xogħol psikosoċjali tajjeb isaħħaħ il-benesseri mentali u fiżiku tal-ħaddiema; billi jistgħu jinħolqu riskji psikosoċjali minn disinn tax-xogħol, organizzazzjoni u ġestjoni ħżiena, kif ukoll minn kuntest tax-xogħol soċjali ħażin, u

[20] https://www.euractiv.com/section/health-consumers/infographic/the-economic-impact-of-non-melanoma-skin-cancer-on-the-society-and-the-welfare-system/
[21] EU-OSHA, stħarriġ tal-ħaddiema dwar l-esponiment għal fatturi ta' riskju tal-kanċer, 20 ta' Mejju 2020.
[22] Skeda informattiva tad-WHO bit-titolu "Radon and health" (Ir-radon u s-saħħa), 2 ta' Frar 2021. https://www.who.int/news-room/fact-sheets/detail/radon-and-health
[23] Parlament Ewropew, DĠ IPOL, *Strengthening Europe in the fight against cancer – Going further, faster* (It-tisħiħ tal-Ewropa fil-ġlieda kontra l-kanċer: imorru lil hinn, b'rata aktar mgħaġġla), Lulju 2020. https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2020/642388/IPOL_STU(2020)642388_EN.pdf
[24] IPCC, is-sitt rapport ta' valutazzjoni, skeda informattiva reġjonali – Ewropa. https://www.ipcc.ch/report/ar6/wg1/downloads/factsheets/IPCC_AR6_WGI_Regional_Fact_Sheet_Europe.pdf

jistgħu jirriżultaw f'eżiti psikosoċjali, fiżiċi u soċjali negattivi bħall-istress, l-ansjetà, l-eżawriment u d-dipressjoni, li jappartjenu għat-tieni l-akbar grupp ta' problemi tas-saħħa awtorappurtati relatati max-xogħol[25]; billi l-istress relatat max-xogħol jista' jżid b'mod sinifikanti r-riskju li jwassal għal mard muskoloskeletali (MSD), mard tal-qalb, mard awtoimmuni jew mard rewmatiku/infjammatorju kroniku, u li jaggravahom[26]; billi, skont l-Eurofound u l-EU-OHSA, 25 % tal-ħaddiema fl-Ewropa jesperjenzaw stress eċċessiv relatat max-xogħol; billi 51 % tal-ħaddiema tal-UE jgħidu li l-istress huwa komuni fuq il-post tax-xogħol tagħhom u kważi 80 % tal-maniġers huma mħassba dwar l-istress relatat max-xogħol[27], li juri li r-riskji psikosoċjali huma ta' tħassib għall-maġġoranza tal-kumpaniji[28]; billi aktar minn nofs il-jiem tax-xogħol kollha mitlufa fl-UE huma kkawżati minn stress relatat max-xogħol[29]; billi l-approċċi u l-leġiżlazzjoni dwar ir-riskji psikosoċjali jvarjaw b'mod sinifikanti fi Stati Membri differenti; billi s-saħħa mentali u l-benesseri tal-popolazzjoni Ewropea jistgħu jiġu affettwati b'mod pożittiv billi tingħata attenzjoni lill-istrateġiji implimentati fuq il-post tax-xogħol; billi l-prevenzjoni tal-problemi tas-saħħa mentali u l-promozzjoni tas-saħħa mentali jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis fl-imġiba ta' riskju għas-saħħa assoċjata bħall-użu tal-alkoħol, id-droga u t-tabakk, l-inattività fiżika u dieta ħażina; billi livelli mtejba ta' benesseri psikoloġiku u fiżiku huma direttament assoċjati ma' prestazzjoni aħjar fuq il-post tax-xogħol;

L. billi l-postijiet tax-xogħol jista' jkollhom rwol importanti fis-saħħa pubblika, skont ir-riżorsi loġistiċi tagħhom, billi jippromwovu stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, jinkoraġġixxu l-prattika tal-isport u l-attivitajiet fiżiċi u jippromwovu s-saħħa fl-aspetti kollha tagħha b'mod aktar wiesa' fost l-impjegati;

M. billi l-litteriżmu fis-saħħa għandu rwol fundamentali fit-tħejjija u l-mitigazzjoni tal-impatt ta' theddidiet għas-saħħa u jikkontribwixxi biex il-popolazzjoni tifhem aħjar il-kontromiżuri u l-valutazzjoni tar-riskju ta' theddidiet differenti għas-saħħa;

N. billi l-pandemija tal-COVID-19 uriet biċ-ċar il-ħtieġa li jiġu żgurati s-sikurezza u l-protezzjoni tal-ħaddiema, inkluż tas-saħħa mentali tagħhom; billi enfasizzat l-importanza tal-investiment fis-saħħa pubblika; billi l-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat żieda rapida fit-telexogħol, bi kważi nofs l-impjegati kollha fl-UE jaħdmu mill-inqas parti mill-ħin tax-xogħol tagħhom mid-dar[30] matul il-lockdowns, filwaqt li ħadu aktar responsabbiltajiet ta' kura; billi x-xogħol mill-bogħod huwa ppruvat li għandu impatt qawwi fuq l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol billi jżid il-flessibbiltà u

---

[25] Eurostat, Self-reported work-related health problems and risk factors - key statistics (Problemi tas-saħħa relatati max-xogħol awtorappurtati u fatturi ta' riskju - statistika ewlenija), Settembru 2021.
[26] EU-OSHA, *Musculoskeletal disorders: association with psychosocial risk factors at work* (Mard Muskoskeletali: assoċjazzjoni ma' fatturi ta' riskju psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol) 2021.
[27] Eurofound u EU-OSHA, *Psychosocial risks in Europe: Prevalence and strategies for prevention* (Riskji psikosoċjali fl-Ewropa: Prevalenza u strateġiji għall-prevenzjoni), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2014.
[28] EU-OSHA Psychosocial risks and stress at work" (Ir-riskji psikosoċjali u l-istress fuq il-post tax-xogħol), https://osha.europa.eu/en/themes/psychosocial-risks-and-stress
[29] EU-OSHA, *OSH figures: stress at work - facts and figures* (Ċifri tas-saħħa u sikurezza okkupazzjonali: l-istress fuq ix-xogħol – fatti u ċifri), 2009.
[30] Eurofound, *Living, working and COVID-19* (L-għajxien, ix-xogħol u l-COVID-19), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020.

d-disponibbiltà kostanti tal-ħaddiema[31], li spiss iwassal għal kunflitt bejn il-ħin tal-ħajja tal-familja u dak tax-xogħol; billi huwa mistenni li l-adozzjoni tax-xogħol mill-bogħod u tat-telexogħol se tibqa' ogħla milli kienet qabel il-kriżi tal-COVID-19 jew saħansitra se tkompli tiżdied[32]; billi x-xogħol mill-bogħod serva bħala lqugħ matul il-kriżi u ppreżerva impjiegi li inkella kienu jintilfu[33]; billi t-telexogħol jagħti wkoll lill-ħaddiema l-libertà li jadattaw is-sigħat u l-iskeda tax-xogħol tagħhom biex jissodisfaw il-ħtiġijiet personali u tal-familja tagħhom stess[34]; billi xi studji jissuġġerixxu li l-perċezzjonijiet tax-xogħol mill-bogħod tjiebu sostanzjalment mill-bidu tal-pandemija, u dan issarraf fi preferenza ġeneralizzata għal arranġamenti ta' xogħol ibridu[35];

O. billi l-persuni li jaħdmu regolarment mid-dar huma darbtejn aktar probabbli li jaħdmu aktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa u huma f'riskju li jistrieħu inqas minn 11-il siegħa bejn il-ġranet tax-xogħol; billi kważi 30 % tat-teleħaddiema jirrappurtaw li jaħdmu fil-ħin liberu tagħhom kuljum jew diversi drabi matul il-ġimgħa, meta mqabbla ma' inqas minn 5 % tal-ħaddiema bbażati f'uffiċju u li huwa aktar probabbli li t-teleħaddiema jaħdmu sigħat irregolari; billi r-riskji psikosoċjali huma r-riskji għas-saħħa l-aktar prevalenti assoċjati mat-telexogħol[36]; billi prevalenza ogħla tat-telexogħol irriżultat ukoll fi prevalenza ogħla ta problemi fiżiċi bħall-MSD b'rabta ma' mġiba sedentarja, kundizzjonijiet ergonomiċi ħżiena, sigħat twal tax-xogħol u stress relatat max-xogħol;

P. billi suq tax-xogħol li qed jinbidel jista' jkollu impatti potenzjali fuq is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol permezz ta' żviluppi demografiċi, l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda bħan-nanoteknoloġiji u l-intelliġenza artifiċjali, kif ukoll ġenerazzjonijiet ta' għodod jew makkinarju eżistenti, il-preżenza ta' sustanzi u prodotti kimiċi ġodda u tipi ġodda ta' impjiegi; billi aktar ħaddiema qegħdin jgħaddu għal xogħol fuq pjattaforma diġitali, xogħol mhux tradizzjonali jew impjiegi atipiċi;

Q. billi l-kriżi tal-COVID-19 kixfet il-vulnerabbiltà tal-ħaddiema mhux standard, inklużi dawk li jaħdmu permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali u dawk li jaħdmu għal rashom; billi hemm probabbiltà kbira li s-sehem tax-xogħol fuq pjattaforma diġitali fis-suq tax-xogħol se jkompli jikber; billi l-ħaddiema li jaħdmu għal rashom huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas strateġiku għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-

---

[31] Eurofound u l-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol, *Working anytime, anywhere: The effects on the world of work* (Ix-xogħol fi kwalunkwe ħin, kullimkien: L-effetti fuq id-dinja tax-xogħol), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, u l-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol, Ġinevra, 2017.

[32] Istitut Ewropew tat-Trade Unions, *Teleworking in the aftermath of the Covid-19 pandemic: enabling conditions for a successful transition* (It-telexogħol wara l-pandemija tal-COVID-19: kundizzjonijiet abilitanti għal tranżizzjoni b'suċċess) 2021.

[33] Eurofound u Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, *What just happened? COVID-19 lockdowns and change in the labour market* (X'għadu kemm ġara? Il-lockdowns minħabba l-COVID-19 u t-tibdil fis-suq tax-xogħol), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021.

[34] Eurofound, Telework and ICT-based mobile work: Flexible working in the digital age, *New forms of employment series*, (It-telexogħol u x-xogħol mobbli bbażat fuq l-ICT: Xogħol flessibbli fl-era diġitali, Sensiela dwar forom ġodda ta' impjiegi), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020.

[35] Microsoft Work Trend Index, The next great disruption is hybrid work - are we ready?" (It-tfixkil il-kbir li jmiss huwa x-xogħol ibridu - aħna lesti għal dan?), 2021.

[36] EU-OSHA *Telework and health risks in the context of the COVID-19 pandemic: evidence from the field and policy implications* (It-telexogħol u r-riskji għas-saħħa fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19: evidenza mill-implikazzjonijiet ta' fuq il-post u tal-politika), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021.

xogħol, peress li mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; billi l-ħaddiema tal-pjattaformi jistgħu jkunu soġġetti għal riskji akbar għas-saħħa u s-sikurezza li mhumiex limitati għas-saħħa fiżika iżda li jistgħu jaffettwaw ukoll is-saħħa psikosoċjali b'sigħat tax-xogħol mhux prevedibbli, intensità ta' xogħol, ambjenti kompetittivi, informazzjoni eċċessiva u iżolament; billi l-ġestjoni algoritmika tippreżenta sfidi ġodda għall-futur tax-xogħol li jistgħu jiġġeneraw pressjoni eċċessiva fir-rigward ta' veloċità u effiċjenza fuq il-ħaddiema; billi dan l-istil ta' ġestjoni jista' jpoġġi s-sikurezza fit-toroq tal-ħaddiema tal-pjattaformi fis-settur tat-trasport u tal-konsenja f'riskju, b'mod partikolari ċ-ċiklisti bħala utenti vulnerabbli tat-triq, kif ukoll jipperikola s-sikurezza ta' utenti oħra tat-triq; billi l-ħaddiema nisa tal-pjattaformi, b'mod partikolari s-sewwieqa nisa u n-nisa li jipprovdu servizzi ta' tindif u kura f'residenzi privati, jista' jkollhom riskju akbar li jkunu vittmi ta' fastidju u l-vjolenza sesswali u jistgħu joqogħdu lura milli jirrappurtaw tali okkorrenzi minħabba nuqqas ta' għodod ta' rappurtar jew kuntatt ma' maniġer uman jew minħabba l-biża' li jirċievu klassifikazzjonijiet ħżiena u l-biża li jitilfu xogħol futur; billi l-fastidju u l-vjolenza sesswali mhumiex irrappurtati biżżejjed fix-xogħol fuq pjattaformi[37];

R. billi l-pandemija tal-COVID-19 uriet li l-postijiet tax-xogħol huma wkoll ċentri ewlenin għat-tixrid tal-kontaġju; billi l-prekarjetà tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien tal-ħaddiema staġjonali fl-Ewropa, b'mod partikolari fis-settur agrikolu, kienet diġà dokumentata sew qabel il-kriżi tal-COVID-19[38]; billi matul il-pandemija rapporti inkwetanti dwar ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema transfruntiera u staġjonali f'termini ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien urew li s-sitwazzjoni tagħhom kompliet tmur għall-agħar; billi l-ħaddiema fuq xogħol għal żmien qasir ħafna drabi jgħixu f'akkomodazzjoni fi grupp, fejn it-tbegħid soċjali jkun diffiċli u dan iżid ir-riskju ta' infezzjoni tagħhom; billi tifqigħat kbar ta' infezzjonijiet tal-COVID-19 seħħew f'industriji bħall-ipproċessar tal-ikel; billi forom prekarji ta' impjieg bħal xogħol interim, impjieg indipendenti fittizju jew ix-xogħol f'katini ta' sottokuntrattar jeskludu regolarment lill-ħaddiema minn servizzi u taħriġ fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; billi l-objettiv tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol huwa li tiżgura mobilità ġusta tal-forza tax-xogħol billi tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-applikazzjoni u l-infurzar effettivi tad-dritt tal-Unjoni relatat mal-mobilità tal-forza tax-xogħol u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-UE, inkluż ir-rappurtar dwar irregolaritajiet suspettati bħal ksur tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-regoli tas-saħħa u s-sikurezza, jekk isiru jafu dwar tali irregolaritajiet waqt it-twettiq tal-kompiti tagħhom;

S. billi l-prevenzjoni, is-sensibilizzazzjoni, l-attivitajiet ta' benesseri u l-promozzjoni tal-kultura tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol jistgħu jipprovdu eżiti pożittivi fit-titjib tas-saħħa tal-impjegati kif ukoll opportunitajiet ġodda ta' impjieg jew volontarjat;

---

[37] Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, World Employment and Social Outlook 2021, The role of digital labour platform in transforming the world of work (Prospettiva dinjija dwar l-impjiegi u kwistjonijiet soċjali 2021, Ir-rwol tal-pjattaformi diġitali tax-xogħol fit-trasformazzjoni tad-dinja tax-xogħol). https://www.ilo.org/global/research/global-reports/weso/2021/lang--en/index.htm
https://eige.europa.eu/publications/gender-equality-index-2020-digitalisation-and-future-work

[38] Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions, Nota ta' informazzjoni bit-titolu "National measures targeting seasonal workers to address labour shortages (particularly in the agricultural sector)" (Miżuri nazzjonali mmirati lejn ħaddiema staġjonali biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema (b'mod partikolari fis-settur agrikolu)), 29 ta' Mejju 2020. https://www.etuc.org/sites/default/files/publication/file/2020-05/Covid-19%20Briefing%20Seasonal%20Workers%20Final_updated%2029%20May%202020.pdf

T. billi l-ispezzjonijiet tax-xogħol għandhom rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-politiki tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fil-livell reġjonali u lokali; billi r-rakkomandazzjoni tal-ILO tippromwovi spettur tax-xogħol għal kull 10 000 ħaddiem sabiex jitwettqu spezzjonijiet effettivi u f'waqthom imfassla biex jinqered kull forma ta' abbuż; billi skont ir-riċerka tal-EU-OSHA, 88 % tal-impjegaturi jiddikjaraw li l-konformità mal-leġiżlazzjoni hija r-raġuni ewlenija għaliex jiġġestixxu s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali[39];

U. billi l-pandemija tal-COVID-19 għamlet eżiġenzi straordinarji fuq il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa; billi ambjent tax-xogħol eżiġenti u biżgħat għas-sikurezza personali u tal-familja wasslu għal impatt psikoloġiku negattiv; billi l-professjonisti tal-kura tas-saħħa qed jesperjenzaw livelli ogħla ta' stress, ansjetà u dipressjoni meta mqabbla ma' professjonisti minn setturi oħra[40]; billi l-Unjoni Ewropea jeħtiġilha titgħallem mill-kriżi tal-COVID-19 u tistabbilixxi sistema effettiva għall-koordinazzjoni tar-rispons għal kwalunkwe tip ta' theddida futura għas-saħħa pubblika, inklużi l-prevenzjoni, it-tħejjija u l-ippjanar tar-rispons fuq ix-xogħol;

V. billi l-pandemija tal-COVID-19 xeħtet dawl fuq id-differenza bejn il-ġeneri u aggravatha; billi l-maġġoranza tal-ħaddiema essenzjali tal-ewwel linja fis-setturi tas-saħħa, soċjali, tal-edukazzjoni u tal-kura huma nisa; billi matul il-quċċata tal-pandemija dawn il-ħaddiema nisa ffaċċjaw sigħat twal ta' xogħol u rrappurtaw problemi biex jirrikonċiljaw ix-xogħol u l-ħajja privata; billi għalkemm meqjusa bħala essenzjali, dawn il-professjonijiet għadhom uħud mill-aktar impjiegi sottovalutati u li ma jitħallsux biżżejjed fl-UE; billi n-nisa kienu f'riskju partikolarment għoli mill-kriżi tal-COVID-19 u huma affettwati b'mod aktar sever mill-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali li jirriżultaw minnha[41];

W. billi huwa importanti li tiġi applikata perspettiva tal-ġeneru għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol peress li l-ħaddiema jistgħu jkunu aktar esposti u aktar vulnerabbli għal tipi differenti ta' sustanzi jew riskji skont il-ġeneru tagħhom; billi l-aspetti tal-ġeneru għandhom jiġu indirizzati fil-kuntest tad-dritt għall-iskonnessjoni;

X. billi l-indirizzar tal-esponiment għal sustanzi perikolużi u fatturi ta' riskju oħra fuq il-post tax-xogħol huwa partikolarment rilevanti biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fis-saħħa, peress li xi kategoriji ta' ħaddiema li huma fost dawk l-aktar vulnerabbli jistgħu jbatu wkoll minn żieda fl-esponiment għal tali fatturi ta' riskju; billi l-persuni b'diżabilità, iż-żgħażagħ u l-anzjani huma partikolarment vulnerabbli fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19; billi għandhom probabbiltà akbar li jbatu b'mod sproporzjonat u li jkollhom ħtiġijiet ta' appoġġ partikolari li jridu jitqiesu fi strateġija dwar is-saħħa u s-

---

[39] EU-OSHA, *Third European Survey of Enterprises on New and Emerging Risks (ESENER 3)* (It-Tielet Stħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER 3)), 2019. https://www.enshpo.eu/pdfs/news01.pdf

[40] da Silva Neto, AM *et al*, "Psychological effects caused by the COVID-19 pandemic in health professionals: A systematic review with meta-analysis" (Effetti psikoloġiċi kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fuq il-professjonisti tas-saħħa: Rieżami sistematiku b'metaanaliżi), *Progress in neuro-psychopharmacology & biological psychiatry*. 10 ta' Jannar 2021.

[41] Infografika tal-Parlament Ewropew, "Nifhmu l-impatt tal-COVID-19 fuq in-nisa", 1 ta' Marzu 2021. https://www.europarl.europa.eu/news/mt/headlines/society/20210225STO98702/nifhmu-l-impatt-tal-covid-19-fuq-in-nisa-infografiki; L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. https://eige.europa.eu/covid-19-and-gender-equality/essential-workers

sikurezza okkupazzjonali waqt ir-rispons għall-pandemija; billi l-persuni b'diżabilità jew b'mard kroniku, jew dawk li qed jirkupraw minn korriment jew mard, jistgħu jitolbu appoġġ individwalizzat u adattament tal-post tax-xogħol jekk jixtiequ jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol; billi r-riċerka turi li dawn il-gruppi huma f'riskju kbir li jiżviluppaw problemi relatati mas-saħħa mentali; billi n-nuqqas ta' provvediment għal aġġustamenti fuq il-post tax-xogħol u akkomodazzjoni raġonevoli, inklużi proċeduri ta' evakwazzjoni ta' emerġenza, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'diżabilità, jista' jirriżulta fi pressjonijiet fiżiċi, mentali u psikoloġiċi li jistgħu jipperikolaw is-saħħa u s-sikurezza ta' dawn il-ħaddiema, speċjalment meta tkun għadha ma nkisbitx l-aċċessibbiltà sħiħa tal-għodod diġitali relatati max-xogħol għall-persuni b'diżabilità;

Y. billi l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li daħlet fis-seħħ fl-UE fl-2011, tiddikjara li "l-Istati Partijiet għandhom jieħdu miżuri effettivi u adegwati, inkluż permezz ta' appoġġ bejn il-pari, biex jippermettu li l-persuni b'diżabilità jiksbu u jżommu indipendenza massima, abbiltà fiżika, mentali, soċjali u vokazzjonali sħiħa, u inklużjoni u parteċipazzjoni sħaħ fl-aspetti kollha tal-ħajja", u "jagħrfu d-dritt tal-persuni b'diżabilità biex jaħdmu, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, inkluż id-dritt għall-opportunità għal qligħ ta' għajxien permezz ta' xogħol magħżul b'mod liberu u aċċettat f'suq tax-xogħol u ambjent tax-xogħol miftuħ, inklużiv u aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità";

Z. billi ċ-ċittadini tal-UE, skont il-Eurofound[42], mhumiex ugwali fil-kapaċità tagħhom li jirritornaw għax-xogħol matul jew wara korriment jew mard; billi wieħed minn kull tliet ħaddiema biss fl-UE li l-attivitajiet ta' kuljum tagħhom huma limitati serjament jew kemxejn limitati minn mard kroniku jirrappurtaw li l-post tax-xogħol tagħhom ġie adattat biex jakkomoda l-problemi tas-saħħa tagħhom; billi l-Eurofound indikat ukoll li l-ħaddiema b'livell edukattiv milħuq baxx u dawk f'impjiegi b'livell baxx ta' ħiliet mhux biss għandhom probabbiltà akbar li jkollhom marda kronika u jesperjenzaw limitazzjonijiet fl-attivitajiet ta' kuljum tagħhom iżda għandhom ukoll probabbiltà iżgħar li jibbenefikaw minn akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol;

AA. billi l-għarfien xjentifiku dwar l-esponiment għal diversi perikli kiber b'mod notevoli matul dawn l-aħħar snin; billi l-lista tal-UE ta' mard okkupazzjonali għandha għalhekk tiġi aġġornata; billi r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/670/KE tat-19 ta' Settembru 2003 dwar l-Iskeda Ewropea ta' Mard Okkupazzjonali[43] tirrakkomanda li l-Istati Membri jintroduċu, malajr kemm jista' jkun, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi dwar mard okkupazzjonali għal kumpens fil-liġijiet nazzjonali tagħhom; billi l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu, fil-liġijiet nazzjonali tagħhom, li kull ħaddiem ikollu d-dritt għal kumpens fir-rigward ta' mard okkupazzjonali jekk ikun qed isofri minn marda li tista' tiġi ppruvata li hija ta' oriġini u natura okkupazzjonali; billi n-nuqqas ta' armonizzazzjoni eżistenti dwar ir-rikonoxximent tal-mard okkupazzjonali jista' jwassal għal diskriminazzjoni ta' xi ħaddiema fl-UE, fejn il-pajjiżi tagħhom għandhom livelli ta' rikonoxximent ogħla jew aktar baxxi tal-mard okkupazzjonali;

---

[42] Eurofound, artiklu tal-aħbarijiet bit-titolu "Just one in three workers with limiting chronic disease in adapted workplace" (Wieħed minn kull tliet ħaddiema biss b'limitazzjoni ta' mard kroniku huma f'post tax-xogħol adattat), 15 ta' Ottubru 2019, https://www.eurofound.europa.eu/news/news-articles/just-one-in-three-workers-with-limiting-chronic-disease-in-adapted-workplace

[43] ĠU L 238, 25.9.2003, p. 28.

AB. billi standards tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali għoljin, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, ambjent tax-xogħol adattat għall-età, eżiġenzi kwantitattivi aktar baxxi u awtonomija tal-ħin tax-xogħol jistgħu jippermettu u jinkoraġġixxu lill-anzjani jibqgħu b'mod volontarju fis-suq tax-xogħol; billi jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika għall-ħtiġijiet tal-ħaddiema f'impjiegi li huma eżiġenti ħafna mill-aspett fiżiku jew psikoloġiku;

AC. billi l-inċidenti fit-toroq b'vetturi bil-mutur relatati max-xogħol iseħħu fuq il-post tax-xogħol u waqt is-sewqan assoċjat max-xogħol, u jinvolvu l-aktar vetturi tal-kumpanija; billi l-aċċidenti fatali relatati max-xogħol u l-imwiet fit-toroq huma rrappurtati b'mod differenti fost l-Istati Membri u dan jagħmel it-tqabbil tal-istatistika dwar l-inċidenti fit-toroq relatati max-xogħol diffiċli; billi huwa stmat li l-inċidenti fit-toroq relatati max-xogħol jikkontribwixxu għal bejn kwart sa aktar minn terz tal-imwiet kollha relatati max-xogħol; billi ma hemm l-ebda definizzjoni standardizzata tal-UE ta' mwiet fit-toroq relatati max-xogħol; billi jeżistu diversi miri madwar l-Ewropa biex titnaqqas il-mortalità minn inċidenti fit-toroq, iżda l-ebda waħda ma tikkonċerna direttament aċċidenti fit-toroq relatati max-xogħol;

AD. billi riskji tradizzjonali għas-saħħa bħat-tqandil manwali ta' tagħbijiet tqal, l-istorbju, qagħdiet skomdi waqt ix-xogħol jew movimenti ripetittivi tal-idejn u tad-driegħ għadhom theddida għal ħafna ħaddiema u kienu enfasizzati bħala tali fil-ħames stħarriġ dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Eurofound[44]; billi fatturi ta' riskju għal mard rewmatiku u muskoloskeletali fuq il-post tax-xogħol jinkludu l-vibrazzjoni, l-irfigħ ta' piżijiet tqal, ix-xogħol b'apparat ta' wiri fuq skrin, l-użu ta' makkinarju u tagħmir tqil; billi mill-kundizzjonijiet okkupazzjonali kollha, il-mard rewmatiku u muskoloskeletali jikkawża l-ogħla telf ta' produttività[45];

AE. billi l-mard kardjovaskulari u respiratorju relatat max-xogħol huwa t-tieni l-akbar kontributur għal imwiet relatati max-xogħol; billi eżiġenzi psikoloġiċi għoljin, pressjoni fuq ix-xogħol, sigħat tax-xogħol twal, disturbi mentali, prekarjetà fuq ix-xogħol u inattività fiżika huma kollha assoċjati miegħu[46];

AF. billi s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol iridu jitqiesu bħala dmir etiku u soċjali kif ukoll rekwiżit statutorju strett li għandu jiġi ssodisfat mill-intraprendituri;

1. Jilqa' l-qafas strateġiku tal-Kummissjoni u, b'mod partikolari, l-introduzzjoni tal-approċċ "Viżjoni Żero" għall-aċċidenti u l-mard relatati max-xogħol inkluż l-indikatur tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali l-ġdida li jmiss dwar aċċidenti fatali fuq il-post tax-xogħol; jesprimi d-dispjaċir tiegħu, madankollu, li l-livell ta' ambizzjoni tal-istrateġija dwar is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali ma jikkorrispondix mal-objettiv tagħha ta' "Viżjoni Żero" u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti li jaqblu ma' din l-ambizzjoni; jappella għall-istabbiliment ta' pjan direzzjonali għat-tnaqqis tal-aċċidenti u l-imwiet fuq il-post tax-xogħol, b'finanzjament adegwat tal-UE u nazzjonali għall-Istati

[44] Eurofound, European working conditions survey 2021 (Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol 2021) https://www.eurofound.europa.eu/surveys/2021/european-working-conditions-survey-2021;
[45] https://eular.org/myUploadData/files/eular_vision_paper_on_eu_health_policy_branded.pdf
[46] Niedhammer I, Bertrais S, Witt K (2021), Psychosocial work exposures and health outcomes: a meta-review of 72 literature reviews with meta-analysis (Esponimenti għal xogħol psikosoċjali u eżiti għas-saħħa: metarieżami ta' 72 rieżami tal-letteratura b'metaanaliżi), Scand J Work Environ Health 2021;47(7):489-508.

Membri biex itemmu t-tranżizzjoni lejn "żero fatalitajiet"; jenfasizza li l-approċċ "Viżjoni Żero" ma għandux iwassal għas-sottorappurtar ta' aċċidenti u mard relatat max-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tkopri l-korrimenti u l-aċċidenti kollha kif ukoll l-attrizzjoni fiżika u mentali fl-approċċ "Viżjoni Żero"; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-enfasi tagħhom fuq strateġiji ta' prevenzjoni, bħal pereżempju t-tisħiħ tal-ispettorati tax-xogħol, is-servizzi nazzjonali tas-saħħa u s-sikurezza u d-djalogu bejn is-sħab soċjali biex jiġi żgurat li l-impjegati kollha, irrispettivament mit-tip jew id-daqs tal-impjegatur, ikollhom dritt għall-ogħla livell ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza possibbli; jappella għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ambizzjużi tal-qafas strateġiku ġdid dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027, anke fid-dawl tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19; jappella għal aġġornamenti regolari tal-qafas strateġiku u għat-titjib tal-istrateġiji nazzjonali attwali f'konformità mal-evoluzzjoni tas-swieq tax-xogħol u t-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika; jemmen li hemm bżonn ta' kooperazzjoni b'saħħitha mas-sħab soċjali u azzjoni leġiżlattiva dwar diversi aspetti tal-politika tal-UE relatata mas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali sabiex tikkomplementa l-varjetà ta' miżuri mhux vinkolanti previsti sabiex il-"Viżjoni Żero" ssir realtà; jitlob li jkun hemm enfasi ċara fuq il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u fuq it-tisħiħ tal-konsultazzjoni mas-sħab soċjali fl-approċċ "Viżjoni Żero"; jilqa' l-fatt li s-summit dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fl-2023 ser jiffoka speċjalment fuq il-progress tal-approċċ "Viżjoni Żero";

2. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-ambizzjonijiet tagħha fir-rigward tal-kanċer relatat max-xogħol fil-Pjan Ewropew biex Jingħeleb il-Kanċer; jitlob li d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-esponiment għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol[47] tiġi aġġornata fuq bażi kontinwa u f'perjodu ta' żmien ambizzjuż, inkluż billi jiġu stabbiliti valuri limitu ta' esponiment okkupazzjonali għal mill-inqas 25 sustanza ta' prijorità addizzjonali fid-direttiva mingħajr dewmien, wara l-preżentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni u sa tmiem l-2022, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv għas-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa li l-Kummissjoni tiżgura biżżejjed persunal, inkluż fl-unitajiet u l-awtoritajiet rilevanti; jenfasizza li l-istabbiliment ta' reġistri nazzjonali komprensivi għall-Istati Membri kollha jista' jippermetti l-ġbir ta' data fl-Ewropa kollha dwar il-karċinoġeni rilevanti kollha; jappella għal kooperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji rilevanti tal-UE, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, u bl-involviment qawwi tas-sħab soċjali fl-użu attiv tal-ġbir tad-data biex dan jiġi segwit minn miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi neċessarji biex jiġu miġġielda l-kanċers relatati max-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-ħaddiema kollha jkollhom id-dritt li jieqfu mix-xogħol meta jiffaċċjaw periklu imminenti u kundizzjonijiet tax-xogħol perikolużi eċċezzjonali, f'konformità mal-prattiki nazzjonali;

3. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni fid-Direttiva 2004/37/KE li tirrevedi l-valuri ta' limitu ta' esponiment għaċ-ċomb kif ukoll għall-komposti u d-diisoċjanati tiegħu; jinnota li, filwaqt li l-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi

[47] Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50.

Kimiċi (ECHA) jirrakkomanda valur ta' limitu atmosferiku ta' 4 µg/m³ u valur ta' limitu bijoloġiku ta' 150 µg ta' ċomb għal kull litru ta' demm, u li dan jistabbilixxi pass fid-direzzjoni t-tajba, il-valur ta' limitu bijoloġiku propost ma jipproteġix lin-nisa u speċjalment lin-nisa tqal b'mod xieraq[48]; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe proposta għal valuri ta' limitu ta' esponiment riveduti għaċ-ċomb u l-komposti tiegħu għandha tistabbilixxi protezzjoni ugwali għall-ħaddiema kollha irrispettivament mill-ġeneru; jilqa' l-impenn mill-Kummissjoni li żżid l-interferenti endokrinali bħala kategorija ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna taħt ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006[49] (ir-Regolament REACH) kif ukoll biex tikklassifikahom taħt ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008[50] (ir-Regolament CLP); jenfasizza li l-ħaddiema għandhom ikunu protetti kontra l-esponiment għall-interferenti endokrinali mil-leġiżlazzjoni tal-UE; jindika li l-awtomatizzazzjoni u r-robotizzazzjoni ta' ċerti attivitajiet jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti r-riskju li l-ħaddiema jkunu esposti għal karċinoġeni fuq il-postijiet tax-xogħol; jenfasizza l-ħtieġa li tittieħed aktar azzjoni biex jiġu evitati, identifikati u rikonoxxuti aħjar kanċers okkupazzjonali relatati ma' xogħol bix-shift ta' billejl; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lil segmenti tal-popolazzjoni li huma partikolarment esposti għal sustanzi perikolużi bħall-ħaddiema fl-industriji kimiċi u agrikoli, jew partikolarment vulnerabbli bħall-ħaddiema tqal jew li qed ireddgħu;

4. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta leġiżlattiva fl-2022 biex tkompli tnaqqas l-esponiment tal-ħaddiema għall-asbestos; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-ambizzjonijiet tagħha u tippreżenta proposta għal strateġija Ewropea għat-tneħħija tal-asbestos kollu f'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Parlament li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-asbestos; jistieden lill-Kummissjoni tkun ambizzjuża fl-isforzi tagħha biex tikseb it-tneħħija tal-asbestos kollu u biex tirrevedi d-Direttiva 2009/148/KE[51] fir-rigward tar-rekwiżiti minimi għat-taħriġ iċċertifikat tal-ħaddiema esposti għall-asbestos, u, bħala kwistjoni ta' prijorità, taġġorna l-limitu ta' esponiment għall-asbestos, li għandu jiġi stabbilit għal 0,001 fibra/cm³ (1 000 fibra/m³); jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għal direttiva qafas tal-UE dwar strateġiji nazzjonali għat-tneħħija tal-asbestos; jistieden lill-Kummissjoni taġġorna d-Direttiva 2010/31/UE[52] għall-iskrinjar obbligatorju tal-bini u t-tneħħija sussegwenti tal-asbestos u ta' sustanzi perikolużi oħra qabel ma jkunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, u b'hekk tipprojbixxi l-issiġillar u l-inkapsulament ta' materjali li fihom l-asbestos li teknikament jistgħu jitneħħew; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva li tqis ir-regolamenti nazzjonali eżistenti kif ukoll valutazzjoni tal-impatt dwar l-aktar mudelli effiċjenti għall-iskrinjar obbligatorju tal-bini, li jikkonsisti minn dijanjożi tal-wiċċ għall-preżenza ta' asbestos

---

[48] Istitut Ewropew tat-Trade Unions, *Occupational Exposure Limits (OELs) for lead and lead compounds & equality of treatment of women and men at work*, (Limiti ta' Esponiment Okkupazzjonali (OEL) għaċ-ċomb u l-komposti taċ-ċomb u t-trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel fuq il-post tax-xogħol), 14 ta' Diċembru 2020.

[49] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), ĠU L 396, 30.12.2006, p 1.

[50] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

[51] Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol, ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28.

[52] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13.

imwettaq minn entità professjonali bil-kwalifiki u l-permessi xierqa, qabel il-bejgħ jew il-kiri ta' bini, u għall-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi għal ċertifikati tal-asbestos għall-bini mibni qabel l-2005 jew qabel is-sena ta' projbizzjoni nazzjonali ekwivalenti tal-asbestos; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw rikonoxximent u kumpens aħjar tal-mard relatat mal-asbestos għall-ħaddiema kollha esposti sabiex fit-tranżizzjoni ekoloġika tiġi protetta s-saħħa tal-ħaddiema tal-kostruzzjoni u ta' ħaddiema oħra; jappella għall-użu, fejn possibbli, tal-mikroskopija elettronika bi trażmissjoni analitika jew metodi simili avvanzati biex jingħaddu l-fibri;

5. Jemmen li d-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu titjib fis-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol[53] tista' ma tkunx effettiva biżżejjed għad-dinja tax-xogħol fis-seklu 21 u l-aħħar żviluppi fis-swieq tax-xogħol, inklużi l-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali; jemmen, għalhekk, li dan għandu jiġi kkomplementat biex jissaħħaħ dan l-aspett; ifakkar fit-talba tiegħu li l-Kummissjoni tinkludi d-dritt għall-iskonnessjoni fil-qafas strateġiku dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u, b'mod espliċitu, tiżviluppa miżuri psikosoċjali ġodda bħala parti mill-qafas; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, iżżid l-ambizzjoni tal-qafas strateġiku għas-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, direttiva dwar ir-riskji psikosoċjali u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol immirata lejn il-prevenzjoni effiċjenti tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, bħall-ansjetà, id-dipressjoni, l-eżawriment u l-istress, inklużi riskji kkawżati minn problemi strutturali bħall-organizzazzjoni tax-xogħol (jiġifieri ġestjoni ħażina, tfassil ħażin tax-xogħol jew nuqqas ta' tqabbil xieraq tal-għarfien u l-kapaċitajiet tal-ħaddiema mal-kompiti assenjati); jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi għall-prevenzjoni ta' tali riskji u r-riintegrazzjoni tal-impjegati affettwati fil-post tax-xogħol, u jaqilbu minn azzjonijiet fil-livell individwali għal approċċ ta' organizzazzjoni tax-xogħol f'konformità mal-prinċipji tal-ġerarkija tal-prevenzjoni inklużi fid-Direttiva 89/391/KEE; jistieden lill-Kummissjoni tħejji linji gwida fir-rigward tal-għadd minimu ta' persunal li jipprovdi servizzi tas-saħħa okkupazzjonali li huma meħtieġa biex tiġi żgurata sorveljanza adegwata tas-saħħa okkupazzjonali[54]; iqis li l-protezzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa mentali għandhom ikunu parti integrali mill-pjanijiet ta' tħejjija tas-saħħa u sikurezza okkupazzjonali għal kriżijiet futuri tas-saħħa; jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni speċifika lis-saħħa mentali tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa u ta' ħaddiema essenzjali oħra; jilqa', f'dan ir-rigward, il-kontribut tal-grupp ta' esperti dwar modi effettivi ta' investiment fis-saħħa fl-opinjoni tiegħu dwar l-appoġġ tas-saħħa mentali tal-ħaddiema tas-saħħa u ħaddiema essenzjali oħra; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw segwitu u implimentazzjoni adegwati ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet;

6. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu żgurati għażliet xierqa ta' talba għal kumpens għall-ħaddiema f'każijiet ta' mard okkupazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, tirrevedi r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2003 dwar l-Iskeda Ewropea tal-Mard Okkupazzjonali b'żidiet bħal disturbi muskoloskeletali relatati max-xogħol, disturbi tas-saħħa mentali relatati max-xogħol, b'mod partikolari d-dipressjoni, l-eżawriment, l-ansjetà u l-istress, il-mard kollu relatat mal-asbestos u l-

[53] ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.
[54] Rakkomandazzjoni Nru 171 tal-ILO dwar is-Servizzi tas-Saħħa Okkupazzjonali. https://www.ilo.org/dyn/normlex/en/f?p=NORMLEXPUB:12100:0::NO::P12100_INSTRUMENT_ID:312509

kanċers tal-ġilda u l-infjammazzjoni rewmatika u kronika; jistieden lill-Kummissjoni tittrasforma din ir-rakkomandazzjoni, wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali, f'direttiva li toħloq lista minima ta' mard okkupazzjonali u li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għar-rikonoxximent tagħhom u kumpens adegwat għall-individwi kkonċernati;

7. Jisħaq fuq il-fatt li l-ħaddiema nisa jiffaċċjaw sfidi dejjem akbar għas-saħħa u l-benesseri okkupazzjonali, b'mod partikolari fis-setturi tas-saħħa u tal-kura; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni qed issaħħaħ l-approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw il-perspettiva tal-ġeneru u jqisu d-differenzi bejn il-ġeneri fil-miżuri kollha tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tibbaża l-inizjattiva leġiżlattiva li jmiss dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa u l-vjolenza domestika fuq il-ftehim qafas dwar il-fastidju u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-miżuri preventivi u protettivi mmirati biex jeqirdu l-vjolenza, id-diskriminazzjoni u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol, inklużi l-vjolenza u l-fastidju minn partijiet terzi (jiġifieri minn klijenti, viżitaturi jew pazjenti), fejn applikabbli, japplikaw irrispettivament mir-raġuni u l-kawża tal-fastidju u li mhumiex limitati għal każijiet ibbażati fuq raġunijiet diskriminatorji; jistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni Nru 190 tal-ILO u r-Rakkomandazzjoni Nru 206 dwar il-vjolenza u l-fastidju u biex idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet u l-miżuri ta' politika meħtieġa biex jipprojbixxu, jipprevjenu u jindirizzaw il-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji biex iħejju għal forza tax-xogħol li qed tixjieħ, prevalenza ogħla ta' impjegati b'mard kroniku u l-ħtieġa li l-post tax-xogħol jiġi adattat għall-ħtiġijiet tal-impjegati b'diżabilità, jappoġġjaw b'mod attiv ir-riintegrazzjoni u n-nondiskriminazzjoni, u jadattaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-persuni b'diżabilità jew b'mard kroniku, u għal dawk li jkunu qed jirkupraw mill-mard; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu definiti u implimentati strateġiji mfassla apposta u individwalizzati biex jiffaċilitaw il-proċessi ta' rkupru u ta' riabilitazzjoni tal-ħaddiema; jissottolinja li tali strateġiji għandhom jinkludu l-promozzjoni tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja għall-persuni ta' kull età, kif ukoll bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u l-promozzjoni ta' skambji interġenerazzjonali fuq il-post tax-xogħol; jenfasizza li għandha tingħata wkoll attenzjoni speċjali lill-indokraturi;

9. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-qafas tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, toffri linji gwida ċari u ambizzjużi lill-Istati Membri u lill-impjegaturi dwar it-twettiq ta' aġġustamenti fuq il-post tax-xogħol u l-provvista ta' akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni b'diżabilità; jistieden lill-Kummissjoni twettaq reviżjoni ambizzjuża tad-Direttiva 2000/78/KE dwar it-trattament ugwali f'dan ir-rigward; jinsisti li huwa daqstant importanti li tingħata attenzjoni għas-sitwazzjoni tal-ħaddiema b'mard kroniku;

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħaddiema żgħażagħ fl-istrateġiji tagħhom dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, b'enfasi speċjali fuq il-ħaddiema taħt it-18-il sena; ifakkar li l-istatistika turi li dawk li għandhom bejn it-18 u l-24 sena għandhom probabbiltà akbar li jkollhom aċċident serju fuq ix-xogħol minn adulti akbar fl-età minħabba esperjenza, taħriġ u superviżjoni

insuffiċjenti, nuqqas ta' kuxjenza dwar id-drittijiet tagħhom u dwar id-dmirijiet tal-impjegaturi, nuqqas ta' għarfien tal-ħtiġijiet tagħhom mill-impjegaturi, u l-esponiment għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, li b'hekk iwassal għall-iżvilupp ta' mard okkupazzjonali waqt li jkunu għadhom żgħar jew aktar tard fil-ħajja[55];

11. Ifakkar li l-ħaddiema tal-pjattaformi jistgħu jkunu soġġetti għal riskji miżjuda għas-saħħa u s-sikurezza għal xogħol fuq il-pjattaformi kemm fuq il-post kif ukoll online; jisħaq li dawn ir-riskji mhumiex limitati għas-saħħa fiżika iżda jistgħu jaffettwaw ukoll is-saħħa psikosoċjali, fejn is-sigħat tax-xogħol mhux prevedibbli, l-intensità tax-xogħol, l-ambjenti kompetittivi, l-informazzjoni eċċessiva u l-iżolament huma fatturi ta' riskju emerġenti; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi biex ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi; jenfasizza li l-ħaddiema kollha tal-pjattaformi għandhom ikunu intitolati li jirċievu kumpens f'każ ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard okkupazzjonali, u jiġu pprovduti bi protezzjoni soċjali, inkluża kopertura tal-assigurazzjoni tal-mard u tal-invalidità, bl-introduzzjoni ta' preżunzjoni konfutabbli ta' relazzjoni ta' impjieg għall-ħaddiema tal-pjattaformi, f'konformità mad-definizzjonijiet nazzjonali kif stabbiliti fil-leġiżlazzjoni jew fil-ftehimiet kollettivi rispettivi tal-Istati Membri; itenni, f'dan ir-rigward, ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu mfassla fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 dwar kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi, drittijiet u protezzjoni soċjali għall-ħaddiema tal-pjattaformi – forom ġodda ta' impjieg marbuta mal-iżvilupp diġitali[56],

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-ħaddiema kollha li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika, inklużi l-ħaddiema mhux standard[57], kif ukoll il-ħaddiema indipendenti ġenwini u fittizji, u l-ħaddiema mobbli, ikunu koperti mil-leġiżlazzjoni u l-politiki dwar is-saħħa u sikurezza okkupazzjonali; jisħaq fuq ir-rwol kritiku tan-negozjar kollettiv biex jiġu żgurati l-ogħla standards tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; jenfasizza li d-drittijiet tal-bniedem Ewropej u internazzjonali jiggarantixxu lill-ħaddiema kollha d-dritt li jorganizzaw, jiffurmaw u jissieħbu ma' trade union, jinvolvu ruħhom f'negozjar kollettiv, jieħdu azzjoni kollettiva biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom u jgawdu l-protezzjoni fil-qafas ta' ftehimiet kollettivi, irrispettivament mill-istatus ta' impjieg tagħhom[58];

13. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi s-saħħa u s-sikurezza fl-istrateġiji u l-politiki rilevanti kollha tal-UE dwar it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inklużi dawk dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA); jenfasizza li s-soluzzjonijiet tal-IA fuq il-post tax-xogħol iridu jkunu etiċi u ċċentrati fuq il-bniedem, trasparenti, ġusti u jevitaw kwalunkwe implikazzjoni negattiva għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva, wara li tikkonsulta mas-sħab soċjali, biex tiċċara r-responsabbiltajiet tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fir-

[55] https://osha.europa.eu/mt/themes/young-workers
[56] Testi adottati, P9_TA(2021)0385.
[57] https://www.ilo.org/global/topics/non-standard-employment/lang--en/index.htm
[58] L-Artikolu 23 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem jiddikjara li "kulħadd għandu d-dritt li jifforma trade unions u jissieħeb fihom għall-protezzjoni tal-interessi tiegħu"; Il-Konvenzjoni Nru 87 tal-ILO dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni; u l-Konvenzjoni Nru 98 tal-ILO dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv.

rigward tas-sistemi tal-IA u ta' modi ġodda ta' ħidma; jenfasizza li l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħaddiema u l-miżuri biex jiżguraw strateġiji effettivi tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali huma meħtieġa għall-introduzzjoni u l-użu tal-IA mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol; jenfasizza li l-IA u d-diġitalizzazzjoni jiffaċilitaw b'mod plawżibbli s-sinerġiji bejn il-bniedem u l-magni u joffru benefiċċji ekonomiċi u soċjetali kif ukoll opportunitajiet ġodda għan-negozji, kif ukoll joħolqu tħassib dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali bħall-emerġenza ta' forom ġodda ta' monitoraġġ u ġestjoni tal-ħaddiema abbażi tal-ġbir ta' ammonti kbar ta' data f'ħin reali li jistgħu jwasslu għal kwistjonijiet legali, regolatorji u etiċi; jappella, b'mod partikolari, għall-introduzzjoni ta' salvagwardji kontra l-impatti negattivi tal-ġestjoni algoritmika fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema; jenfasizza li l-algoritmi implimentati fl-oqsma tax-xogħol iridu jkunu trasparenti, nondiskriminatorji u etiċi, u li d-deċiżjonijiet algoritmiċi jridu jkunu responsabbli, kontestabbli u, fejn rilevanti, riversibbli, u konsegwentement iridu jkunu soġġetti għal sorveljanza umana; jisħaq fuq ir-rwol tas-sħab soċjali fl-antiċipazzjoni ta' riskji okkupazzjonali emerġenti li jirriżultaw mill-iżvilupp ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji;

14. Ifakkar li t-tibdil fil-klima għandu impatti diretti fuq il-ħaddiema; ifakkar li l-intensifikazzjoni ta' avvenimenti estremi tat-temp se twassal għal aktar korrimenti fiżiċi u li t-tibdil fil-klima jista' jżid ukoll ir-riskju tal-kanċer tal-ġilda, l-esponiment għat-trab u r-riskji psikosoċjali; jinsisti li anke l-organizzazzjoni inadegwata tax-xogħol tista' taggrava s-sitwazzjoni; jisħaq fuq ir-rwol tas-sħab soċjali fl-antiċipazzjoni ta' riskji okkupazzjonali emerġenti minħabba t-tibdil fil-klima; ifakkar li s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema hija kompetenza tal-UE u li f'konformità mad-Direttiva 89/391/KEE, il-ħaddiema għandhom ikunu protetti minn kwalunkwe riskju, inkluż minn riskji emerġenti; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa u b'urġenza r-riskji ġodda u emerġenti tat-tibdil fil-klima fuq is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali sabiex tipproteġi aħjar lill-ħaddiema minn esponiment għal temperaturi għoljin, radjazzjoni UV naturali u perikli oħra relatati għas-sikurezza;

15. Jappella għat-tisħiħ tal-protezzjoni mill-esponiment għar-radjazzjoni UV fil-livell tal-UE, speċjalment fil-qafas tal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali għall-ħaddiema li jaħdmu fuq barra; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tirrevedi d-Direttiva 2006/25/KE dwar l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jirriżultaw mill-aġenti fiżiċi (radjazzjoni ottika artifiċjali)[59] u biex tinkludi r-radjazzjoni solari fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-implimentazzjoni u l-effikaċja tal-miżuri attwali għall-protezzjoni tal-ħaddiema esposti għar-radjazzjoni jonizzanti bħall-ekwipaġġi tal-linji tal-ajru, il-ħaddiema tal-impjanti tal-enerġija nukleari, il-ħaddiema f'ambjenti industrijali rilevanti u r-riċerkaturi u l-professjonisti tas-saħħa u veterinarji li jaħdmu fis-setturi tar-radjoloġija, tar-radjoterapija jew tal-mediċina nukleari, u biex tirrieżaminahom fejn ikun meħtieġ, sabiex tistabbilixxi miżuri proporzjonati;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ta' twissija bikrija fi ħdan l-istruttura interistituzzjonali attwali biex tidentifika fejn ikunu meħtieġa aġġustamenti u reviżjonijiet għad-direttivi eżistenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali li

[59] Id-Direttiva 2006/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jirriżultaw mill-aġenti fiżiċi (radjazzjoni ottika artifiċjali). ĠU L 114, 27.4.2006, p. 38.

jittrattaw oqsma fi stat kostanti ta' bidla, u li jistgħu jiġu influwenzati, pereżempju, minn data xjentifika ġdida dwar prodotti perikolużi jew l-evoluzzjoni tas-swieq tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fi ħdan it-tranżizzjoni doppja: diġitali u ekoloġika; jissottolinja l-ħtieġa partikolari li jiġu involuti s-sħab soċjali settorjali f'dan il-mekkaniżmu billi dawn huma l-ewwel li jiġu kkonfrontati b'sitwazzjonijiet li jinbidlu;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku[60] biex tiżgura li l-proġetti u l-inizjattivi kollha ffinanzjati jew kofinanzjati jinkludu klawżoli dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u r-rispett għall-ftehimiet kollettivi, u tipprovdi linji gwida ċari dwar kif dan jista' jseħħ;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-kwistjoni aktar wiesa' tax-xogħol deċenti fil-ftehimiet kummerċjali futuri tal-UE u tiżgura li l-istandards tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali jitqiesu kif xieraq bħala parti minn impenji vinkolanti dwar l-istandards soċjali u tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-pajjiżi kandidati fl-allinjament tal-oqfsa legali tagħhom mal-*acquis* tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw mill-qrib mal-ILO u mad-WHO biex jippromwovu d-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa fil-qafas tal-prinċipji u d-drittijiet ewlenin tax-xogħol tal-ILO u biex jissalvagwardjaw ir-rispett għal dawn il-prinċipji mill-atturi fil-ktajjen tal-provvista globali; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi projbizzjoni fl-UE kollha fuq il-prodotti magħmula minn xogħol furzat;

19. Jilqa' l-għan tat-tisħiħ tal-involviment mal-pajjiżi sħab tal-UE, l-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali u fora internazzjonali oħra biex jiżdiedu l-istandards dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fuq livell globali; jitlob l-involviment attiv tal-Kummissjoni fl-appoġġ tal-integrazzjoni tad-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa fil-qafas tal-ILO tal-prinċipji fundamentali u d-drittijiet tax-xogħol;

20. Iqis li fir-reġjuni transfruntiera, għandhom jiġu promossi t-taħriġ transfruntier konġunt u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki għall-persunal tal-kura tas-saħħa u l-persunal tas-saħħa pubblika;

***Pjan ta' tħejjija għal kriżijiet futuri tas-saħħa: tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt tagħha fuq ix-xogħol***

21. Jenfasizza li huwa essenzjali li jinsiltu tagħlimiet mill-pandemija tal-COVID-19 u li tiżdied it-tħejjija għal kriżijiet tas-saħħa futuri potenzjali; jappoġġja l-istedina lill-Istati Membri biex ifasslu pjanijiet ta' tħejjija għal kriżijiet futuri fl-istrateġiji nazzjonali tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tagħhom, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali nazzjonali, inkluża l-implimentazzjoni ta' linji gwida u għodod tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' mekkaniżmi effettivi tal-UE biex jikkoordinaw dawn il-pjanijiet; iqis li t-titjib tal-komunikazzjoni ta' informazzjoni vverifikata għandu jkun fil-qalba ta' kwalunkwe pjan ta' tħejjija għas-saħħa; iqis li l-protezzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa mentali għandhom ikunu parti integrali tal-pjanijiet ta' tħejjija tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali għal kriżijiet futuri tas-saħħa, u jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni speċifika lis-saħħa mentali tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa u ta' ħaddiema essenzjali

[60] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku. ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

oħrajn; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tniedi valutazzjoni dettaljata tal-effetti tal-pandemija u l-effiċjenza tal-oqfsa tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali nazzjonali u tal-UE biex jiġu żviluppati proċeduri ta' emerġenza u gwida għat-tnedija rapida, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' miżuri fi kriżijiet tas-saħħa potenzjali futuri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-atturi tas-saħħa pubbliċi; jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lir-reġjuni transfruntiera bil-għan li tissaħħaħ il-kooperazzjoni; iqis li d-dikjarazzjoni ta' sitwazzjoni ta' emerġenza tas-saħħa pubblika fl-UE, kif prevista mir-regolament futur[61] dwar theddid transfruntier serju għas-saħħa, għandha tiskatta l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tal-UE tal-miżuri pprovduti fil-pjanijiet ta' tħejjija nazzjonali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-Istati Membri;

22. Ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni li tivvaluta l-ħtieġa ta' aktar azzjonijiet biex jittejjeb il-funzjonament tal-qafas regolatorju eżistenti tal-UE għas-saħħa u s-sikurezza u l-ħtieġa li tiġi emendata d-Direttiva 200/54/KE dwar l-Aġenti Bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni twettaq, mingħajr dewmien, reviżjoni mmirata ta' din id-Direttiva billi tibbaża fuq it-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 bil-ħsieb li jkun hemm tħejjija u ppjanar ta' reazzjoni aħjar u tiżdied ir-reżiljenza fi kriżijiet tas-saħħa fil-postijiet tax-xogħol kollha; jenfasizza li r-reviżjoni għandha tiżgura li d-direttiva tkun adegwata biex tirripsondi għal sitwazzjonijiet ta' pandemija, tiffaċilita t-twaqqif ta' pjanijiet ta' emerġenza nazzjonali f'każ ta' tifqigħa ta' pandemija u ta' struzzjonijiet bil-miktub f'lingwi differenti mill-impjegaturi dwar ir-riskji għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, il-miżuri sanitarji u l-organizzazzjoni tax-xogħol lill-ħaddiema kollha f'każ ta' tali tifqigħa; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni tinkludi l-COVID-19 fir-Rakkomandazzjoni dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità qawwija u jiffinanzjaw b'mod adegwat it-tisħiħ tar-riċerka u l-ġbir tad-data kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, b'mod partikolari dwar il-kawżi u l-impatti fuq is-saħħa mentali, ir-riskji psikosoċjali, ergonomiċi u d-disturbi muskoloskeletali, il-mard kardjovaskulari okkupazzjonali, il-kanċer relatat max-xogħol, il-mard infjammatorju kroniku fis-setturi kollha, u jwettqu valutazzjoni dettaljata tal-problemi, kif ukoll l-impatt ta' dinja tax-xogħol li qed tinbidel, inklużi l-opportunitajiet u l-isfidi relatati mas-saħħa u s-sikurezza assoċjati max-xogħol mill-bogħod u t-telexogħol u d-dritt għall-iskonnessjoni, bil-ħsieb li jiġi analizzat l-impatt tal-ġeneru, l-età u d-diżabilità; jistieden lill-Kummissjoni tagħti segwitu għal tali riċerka billi tniedi miżuri kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi biex tipproteġi s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, wara li tikkonsulta mas-sħab soċjali;

24. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq riċerka addizzjonali dwar l-ispejjeż ekonomiċi tas-saħħa u tal-esklużjoni fuq il-post tax-xogħol;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi qafas leġiżlattiv bil-għan li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għat-telexogħol madwar l-Unjoni filwaqt li l-kundizzjonijiet tal-impjieg tat-teleħaddiema ma jiġux affettwati ħażin; jinnota li dan il-qafas għandu jiġi żviluppat

[61] Proposta tal-Kummissjoni tal-11 ta' Novembru 2020 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE (COM(2020)0727). Il-Parlament adotta emendi għall-proposta fl-14 ta' Settembru u fil-11 ta' Novembru 2021 (Testi adottati, P9_TA(2021)0449.

f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u s-sħab soċjali Ewropej, b'rispett sħiħ tal-mudelli tas-suq tax-xogħol nazzjonali u filwaqt li jitqiesu l-ftehimiet qafas tas-sħab soċjali dwar it-telexogħol u dwar id-diġitalizzazzjoni; jenfasizza li tali qafas għandu jiċċara l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż fir-rigward tal-provvista u l-użu u r-responsabbiltà tat-tagħmir, u jkopri l-għodod diġitali eżistenti u dawk ġodda, u li għandu jiżgura li dan ix-xogħol isir fuq bażi volontarja u li d-drittijiet, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-ammont ta' xogħol u l-istandards ta' prestazzjoni tat-teleħaddiema jkunu ekwivalenti għal dawk ta' ħaddiema komparabbli fuq il-post tax-xogħol; jenfasizza li din l-inizjattiva leġiżlattiva għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni komprensiva, inkluż tar-riskji psikosoċjali assoċjati mal-prattiki tax-xogħol diġitali u mill-bogħod u mal-ambjenti tax-xogħol permeabbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw miżuri ta' prevenzjoni dwar l-aċċessibbiltà u t-teknoloġija inklużiva għall-persuni b'diżabilità li jkunu fit-tranżizzjoni lejn it-telexogħol u/jew ikunu għaddejjin minn taħriġ vokazzjonali mill-bogħod;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, direttiva dwar standards u kundizzjonijiet minimi biex jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom għall-iskonnessjoni u biex jiġi rregolat l-użu ta' għodod diġitali eżistenti u ġodda għal skopijiet ta' xogħol f'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-dritt għall-iskonnessjoni u filwaqt li jitqies il-ftehim qafas tas-sħab soċjali dwar id-diġitalizzazzjoni;

27. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li timmodernizza l-qafas leġiżlattiv tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali billi tirrieżamina d-Direttiva 89/654/KEE[62] u d-Direttiva 90/270/KEE[63] li tistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' sikurezza u saħħa għall-post tax-xogħol u għal xogħol b'tagħmir li għandu display screen; jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar ambizzjuża f'dan ir-rigward u tipproponi direttiva aktar wiesa' u aktar komprensiva dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' mard muskoloskeletali u mard rewmatiku relatat max-xogħol mingħajr aktar dewmien, u lill-Istati Membri biex iżidu r-riċerka u l-ġbir tad-data tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-riskji kollha relatati max-xogħol li jistgħu jirriżultaw f'mard rewmatikuinfjammatorju kroniku u muskoloskeletali jkunu koperti fid-direttiva, bħall-irfigħ ta' piżijiet tqal, il-movimenti ripetittivi, il-vibrazzjoni jew li wieħed joqgħod bilqiegħda jew bilwieqfa għal ħinijiet twal; ifakkar li huwa aktar probabbli li l-ħaddiema nisa jiġu affettwati mill-MSD; ifakkar lill-Kummissjoni li proposta dwar mard muskoloskeletali relatat max-xogħol trid tinkludi dimensjoni tal-ġeneru b'saħħitha fil-valutazzjoni, il-prevenzjoni u t-trattament ta' dan il-mard; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' skedi tax-xogħol flessibbli għall-ħaddiema li jbatu minn disturbi muskoloskeletali jew kundizzjonijiet infjammatorji rewmatiċi u/jew kroniċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw ir-riskji okkupazzjonali relatati mal-mard kardjovaskulari;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħeġġu lill-kumpaniji jaġixxu għall-promozzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema, billi jużaw ir-riżorsi loġistiċi għad-dispożizzjoni

[62] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/654/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol. ĠU L 393, 30.12.1989, p. 1.
[63] Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen. ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14.

tagħhom, billi jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, jinkoraġġixxu l-prattika tal-attività fiżika billi jipprovdu aċċess għal żoni ddedikati fil-bini jew billi jiffaċilitaw l-aċċess għal strutturi esterni ddedikati, jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' timijiet sportivi interni, jipprovdu garaxxijiet għar-roti, jinkoraġġixxu l-konsum ta' nutrizzjoni tajba permezz tal-provvista ta' platti tajbin għas-saħħa, ibbilanċjati u varjati fil-kantin tal-kumpanija u ta' distributuri tax-xorb naturali, jinstallaw sinjali li jistiednu lill-impjegati biex iżommu ż-żoni madwar entraturi u ħruġ komuni ħielsa minn sustanzi ta' ħsara bħad-duħħan tas-sigaretti, u bi kwalunkwe miżura edukattiva oħra li tista' sservi dan il-għan, bħall-promozzjoni tal-Kodiċi Ewropew Kontra l-Kanċer; jisħaq fuq l-impatt pożittiv tal-edukazzjoni u t-taħriġ xierqa tal-maniġers u l-ħaddiema li għandhom responsabbiltajiet ta' persunal biex jipprevjenu r-riskji psikosoċjali u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-maniġers u l-ħaddiema li għandhom responsabbiltajiet ta' persunal jirċievu jew ikunu lestew taħriġ relevanti, inkluż taħriġ fil-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali u korsijiet kontra l-fastidju, qabel ma jibdew jaqdu dmirijiethom fuq il-post tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali jieħdu inizjattivi biex itejbu t-taħriġ dwar is-saħħa u s-sikurezza tar-rappreżentanti u tal-maniġers f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw l-involviment attiv tal-impjegati fl-implimentazzjoni tal-miżuri preventivi tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u jiżguraw li r-rappreżentanti tas-saħħa u s-sikurezza jkunu jistgħu jirċievu taħriġ lil hinn mill-moduli bażiċi;

29. Ifakkar fid-diversi każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema waqt il-pandemija tal-COVID-19, speċjalment tad-drittijiet tal-ħaddiema mobbli, inklużi dawk transfruntiera, l-ħaddiema staġjonali u l-ħaddiema migranti, li ġew esposti għal kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol mhux tajbin għas-saħħa jew mhux sikuri, bħal akkomodazzjoni ħażina jew akkomodazzjoni ffullata żżejjed, u li ma ġewx mogħtija informazzjoni adegwata dwar drittijiethom; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni urġenti ħalli ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-impjieg, tax-xogħol u tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema mobbli u migranti, bħal dawk transfruntiera, stazzjonati u staġjonali, inkluż billi tirrieżamina r-rwol tal-aġenziji tax-xogħol temporanju, tal-aġenziji tar-reklutaġġ, u ta' intermedjarji u sottokuntratturi oħra, bil-ħsieb li tidentifika lakuni fil-protezzjoni fid-dawl tal-prinċipju tat-trattament indaqs u l-isfidi għas-saħħa u s-sikurezza partikolari ffaċċjati mill-ħaddiema mobbli u migranti, bħall-aċċess għal tagħmir u faċilitajiet adegwati, akkomodazzjoni ta' kwalità, trasport sikur u ikliet deċenti[64], u billi tindirizza l-ħtieġa li jiġi rivedut il-qafas leġiżlattiv eżistenti sabiex jingħalqu l-lakuni identifikati kif ukoll biex tiġi żgurata l-protezzjoni minn pandemiji, filwaqt li jitqiesu t-tagħlimiet misluta mill-pandemija tal-COVID-19; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-akkomodazzjoni tal-ħaddiema, meta tiġi organizzata mill-impjegatur, tkun sikura, deċenti u tissodisfa l-istandards minimi; jenfasizza r-rwol tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol meta tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar effettivi tal-liġi tal-UE relatata mal-mobilità tal-forza tax-xogħol u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi kkunsidrat li ssir reviżjoni tal-mandat tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol fil-kuntest tal-evalwazzjoni mistennija fl-2024, biex jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; jistieden lill-EU-OSHA u lill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol jaħdmu flimkien biex jappoġġjaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fit-

[64] https://www.ilo.org/global/about-the-ilo/newsroom/news/WCMS_075505/lang--en/index.htm

titjib tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema mobbli u migranti; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga kif l-għodod diġitali jistgħu jgħinu fit-tisħiħ tal-infurzar transfruntier tal-istandards tas-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għall-ħaddiema mobbli kollha, inkluż dawk li jaħdmu għal rashom u ċittadini ta' pajjiżi terzi mobbli li huma koperti mir-regoli tal-UE dwar il-mobilità tal-forza tax-xogħol fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol u wara valutazzjoni xierqa, tressaq proposta leġiżlattiva għal pass Ewropew tas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema mobbli kollha u għaċ-ċittadini mhux tal-UE li huma koperti mir-regoli tal-UE dwar il-mobilità intra-UE, li jipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali u lis-sħab soċjali rilevanti strument biex itejbu l-infurzar tar-regoli tal-UE dwar il-mobilità tal-forza tax-xogħol u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali fis-suq tax-xogħol b'mod ġust u effettiv sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-UE, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema mobbli, skont ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-25 ta' Novembru 2021 dwar l-introduzzjoni ta' pass Ewropew tas-sigurtà soċjali biex jitjiebu l-infurzar diġitali tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-mobilità ġusta[65];

30. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi żgurata l-integrazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fl-akkwist pubbliku u jitlob lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, biex iressqu politiki nazzjonali biex jissalvagwardaw dan; jistieden lill-Kummissjoni tikkondividi l-aħjar prattiki dwar kif is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tista' tiġi integrata fir-regoli dwar l-akkwist pubbliku u dwar kif il-klawżoli tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali jistgħu jiġu inklużi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali f'konformità mad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku;

*Implimentazzjoni u infurzar*

31. Jissottolinja r-rwol essenzjali tal-ispettorati nazzjonali tax-xogħol fl-iżgurar tal-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza u fil-prevenzjoni tal-mard u tal-korrimenti relatati max-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm finanzjament adegwat għall-ispettorati nazzjonali tax-xogħol u jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni tal-ILO dwar spettur tax-xogħol għal kull 10 000 ħaddiem, bil-ħsieb li jitwettqu spezzjonijiet effettivi u f'waqthom biex jintemmu l-forom kollha ta' abbuż; jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju dwar kif l-ispettorati tax-xogħol nazzjonali jwettqu l-ispezzjonijiet tagħhom u dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut ta' dawn l-ispezzjonijiet, u xxerred ir-riżultati tiegħu, inkluż fir-rigward tal-għadd ta' ksur identifikat u l-impożizzjoni ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi, sabiex tiġi identifikata l-kapaċità tagħhom li jinfurzaw ir-regoli eżistenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għal protezzjoni suffiċjenti; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi grupp ta' ħidma tripartitiku ddedikat dwar l-infurzar fi ħdan il-mandat tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol bħala segwitu għal dan l-istudju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissimplifikaw l-istandards dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fil-politiki kollha, kif ukoll biex itejbu l-miżuri preventivi u l-infurzar tar-regoli u l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; jissottolinja r-rwol tas-sħab soċjali u tas-servizzi nazzjonali tas-saħħa u s-sikurezza f'dan ir-rigward; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw aktar

[65] Testi adottati, P9_TA(2021)0473.

koordinazzjoni, kooperazzjoni u taħriġ fil-livell Ewropew;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament u aċċess adegwati lill-ħaddiema kollha għall-faċilitajiet ta' taħriġ u tagħlim dwar is-saħħa u s-sikurezza sabiex jiġu miġġielda l-aċċidenti u l-mard fuq il-post tax-xogħol; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali f'dan ir-rigward;

33. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza d-diskrepanzi bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol li jwasslu għal kompetizzjoni inġusta, mhux biss fis-suq intern iżda wkoll fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tibda valutazzjoni tal-ħidma tas-servizzi tas-saħħa u s-sikurezza u t-tagħlimiet meħuda fil-qasam tal-provvista ta' servizzi esterni tas-saħħa u s-sikurezza mill-introduzzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 89/391/KEE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfassal rakkomandazzjonijiet għat-tisħiħ tal-provvista nazzjonali ta' servizzi esterni tas-saħħa u s-sikurezza bil-għan li ttejjeb il-prevenzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol;

35. Jistieden lill-Istati Membri jirrappurtaw lura dwar il-miri stabbiliti fl-istrateġiji nazzjonali tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tagħhom u jiżguraw finanzjament adegwat biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tagħhom; jenfasizza li s-sħab soċjali għandhom ikunu involuti bis-sħiħ fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali jew fil-proċessi ta' segwitu għalihom; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti u involuti s-sħab soċjali u r-rappreżentanti tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tal-qafas leġiżlattiv dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tibda riċerka dwar il-kunċetti u l-prattiki li jippermettu li jkun hemm parteċipazzjoni aħjar tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fit-trade unions u fil-kunsilli tax-xogħol fil-fażijiet kollha tal-valutazzjoni tar-riskju u l-politiki dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fil-livell tal-kumpanija, u biex tniedi programmi ffinanzjati għat-titjib tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fl-attivitajiet tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-kumpaniji; jistieden lill-Istati Membri jneħħu kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali li tfixkel in-negozjar kollettiv, inkluż billi jiżguraw li t-trade unions ikollhom aċċess għall-postijiet tax-xogħol għall-finijiet tal-organizzazzjoni, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni, it-tisħiħ tar-rappreżentanza tal-ħaddiema u b'hekk jiżguraw standards tas-saħħa u s-sikurezza xierqa fil-post tax-xogħol;

36. Jenfasizza li l-pakkett dwar il-mobilità u l-inizjattivi tiegħu, inklużi l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar ir-regoli dwar il-ħin tas-sewqan u tal-mistrieħ, jistgħu jtejbu s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jżidu s-sorveljanza tat-toroq u jiżguraw il-konformità ma' dawn ir-regoli, inkluż li jiżguraw li l-impjegaturi jiggarantixxu skedi xierqa għas-sewwieqa biex jipprevjenu li jkun hemm ammonti tax-xogħol eċċessivi, u b'hekk iżidu s-sikurezza fit-toroq; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom għas-sikurezza fit-toroq jistabbilixxu miri ċari dwar it-tnaqqis tal-imwiet fit-toroq għal aċċidenti relatati max-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattivi simili biex ittejjeb is-saħħa u s-sikurezza għall-ħaddiema fl-industrija marittima u fl-industrija tal-avjazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jirrappurtaw u jipprovdu statistika dwar aċċidenti fit-toroq relatati max-xogħol;

37. Jenfasizza li l-ħaddiema kollha għandhom ikunu protetti b'mod adegwat irrispettivament mid-daqs tal-intrapriża u li għandu jingħata appoġġ b'mod partikolari lill-mikrointrapriżi u l-SMEs biex jiġu megħjuna fl-applikazzjoni korretta tar-regoli tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; jenfasizza r-rwol tal-EU-OSHA f'li tipprovdi lill-mikrointrapriżi u lill-SMEs l-għodod u l-istandards li jeħtieġu biex jivvalutaw ir-riskji għall-forza tax-xogħol tagħhom u jimplimentaw miżuri ta' prevenzjoni adegwati; iqis li l-EU-OSHA għandha tissaħħaħ biex tippromwovi aħjar postijiet tax-xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri madwar l-Unjoni u tiżviluppa aktar inizjattivi biex itejbu l-prevenzjoni fuq il-post tax-xogħol fis-setturi ta' attività kollha;

°

° °

38. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-prinċipju 10 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara li l-ħaddiema għandhom id-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali għandha rwol essenzjali biex tiżgura dan il-prinċipju u tipproteġi kważi 170 miljun ħaddiem fl-Unjoni Ewropea. Ir-reviżjoni tal-istrateġija għas-snin 2021-2027 toffri opportunità unika biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet u l-azzjonijiet ewlenin meħtieġa għas-snin li ġejjin mhux biss fid-dinja ta' wara l-pandemija, iżda wkoll f'dinja fejn l-impjiegi qodma qed jisparixxu u posthom se jieħduh impjiegi ġodda f'kontinent b'bidliet ekoloġiċi, teknoloġiċi u demografiċi sinifikanti. Huwa r-rwol ewlieni tal-Unjoni Ewropea li tindirizza dawn it-tranżizzjonijiet u li tipproteġi lill-ħaddiema f'kull ħin.

Il-pandemija tal-COVID-19 bla dubju kellha l-aktar impatt drammatiku fuq il-ħajja tax-xogħol ta' miljuni ta' Ewropej. Il-membri tal-persunal tal-ewwel linja kienu taħt pressjoni qawwija, iżda x-xogħol tagħhom sar aktar viżibbli, apprezzat u rispettat minn qatt qabel. Ix-xogħol mid-dar ġie introdott għall-ewwel darba għal ħafna minna. Dak li qabel kien jidher impossibbli, jiġifieri li tagħmel partijiet kbar mix-xogħol tiegħek f'darek, ġie ttestjat bir-reqqa u issa qed jibda jitqies bħala vantaġġ għall-ħaddiema biex iżidu l-flessibbiltà tal-ġranet tax-xogħol tagħhom u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

Madankollu, il-pandemija wriet li r-regolamentazzjoni Ewropea dwar is-saħħa u s-sikurezza ma kinitx xierqa biex tadatta għall-bidliet rapidi minħabba kawżi tal-pandemija globali. Huwa ta' importanza kbira li l-ħaddiema, anke f'bidliet mhux previsti u theddid għas-saħħa u s-sikurezza tagħhom, ikunu jistgħu jistennew livell xieraq ta' protezzjoni fuq il-post tax-xogħol. Id-Direttiva dwar l-Aġenti Bijoloġiċi kienet eżempju ċar ta' direttiva li ma ġietx adattata għas-sitwazzjoni pandemika, iżda għandha l-akbar rilevanza għall-esponiment tal-ħaddiema għall-viruses fuq il-post tax-xogħol.

B'vantaġġi ġodda bħaż-żieda fil-flessibbiltà tat-telexogħol, tidħol ir-responsabbiltà li l-leġiżlazzjoni u l-istrateġija dwar is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali jiġu żgurati u aġġornati biex jikkorrispondu mar-realtajiet il-ġodda tal-era diġitali. Il-pandemija tal-COVID-ħolqot momentum biex tittieħed azzjoni attiva għal saħħa mentali aħjar fuq il-post tax-xogħol. Wasal iż-żmien li nieħdu bis-serjetà l-problemi tal-istress, l-ansjetà, id-dipressjoni, il-fastidju u l-eżawriment, kif ukoll l-impatt negattiv fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-ħaddiema meta jaħdmu fil-ħin liberu tagħhom.

Il-protezzjoni tal-persuni mill-perikli għas-saħħa u s-sikurezza hija element ewlieni biex jinkisbu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għal kulħadd. Ħadd ma għandu jkun f'riskju ta' aċċident, mard fit-tul jew mewt billi jmur għax-xogħol. Irid ikun prinċipju fundamentali li l-ħaddiema kollha, irrispettivament mit-tip ta' impjieg, id-daqs tal-impjegatur jew l-Istat Membru tal-impjieg, ikollhom id-dritt għall-ogħla livell ta' protezzjoni fuq il-post tax-xogħol. Suq tax-xogħol li qed jinbidel, b'soluzzjonijiet diġitali ġodda u b'modi ġodda ta' ħidma, pereżempju fuq pjattaformi diġitali, irid ikun akkumpanjat minn adattamenti fil-leġiżlazzjoni Ewropea dwar is-saħħa u s-sikurezza.

Kemm jekk taħdem quddiem skrin, tqandel tagħbija tqila jew taħdem f'kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli, il-prevenzjoni minn effetti fit-tul, diżabilità u disturbi muskoloskeletali jeħtieġ

li tkun garantita. Huwa kruċjali li jsiru sforzi konkreti biex jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' sikurezza u saħħa għax-xogħol biex jiġu evitati konsegwenzi muskoloskeletali kkawżati mix-xogħol.

L-istatistika dwar l-imwiet relatati max-xogħol turi li l-kanċer għadu l-aktar theddida dominanti għall-ħajja tal-ħaddiema, u jammonta għal 52 % tal-imwiet kollha relatati max-xogħol. Hemm ħtieġa kbira li l-kanċer jittieħed bis-serjetà. Din hija r-raġuni għaliex ilqajna b'sodisfazzjon kbir l-introduzzjoni ta' approċċ "Viżjoni Żero" fl-istrateġija okkupazzjonali u tlabna għal inizjattivi ambizzjużi biex din il-viżjoni titwettaq. Madankollu, l-approċċ "Viżjoni Żero" ma jridx jispiċċa biss f'mira li l-ħaddiema jiġu protetti minn imwiet relatati max-xogħol. Irid isir viżjoni ta' prevenzjoni attiva tal-korrimenti relatati max-xogħol u tal-attrizzjoni fiżika u mentali. Il-prinċipju tal-prevenzjoni fuq il-post tax-xogħol irid jiġi integrat b'mod formali fil-politiki fil-livelli tal-UE, nazzjonali u tal-kumpaniji.

Sabiex tinkiseb strateġija ta' prevenzjoni kompletament effettiva, tinħtieġ enfasi qawwija fuq ir-riċerka u l-ġbir tad-data. Ftit huwa magħruf dwar il-kawżi sottostanti tal-mard kardjovaskulari okkupazzjonali, bħal mard tal-qalb jew il-puplesija, minkejja li huma t-tieni l-akbar kawża ta' mwiet relatati max-xogħol. Dan jgħodd ukoll għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, tipi ġodda ta' xogħol u bidliet demografiċi. Jeħtieġ li nirreaġixxu fil-pront meta d-data turi evidenza ta' impatti negattivi fuq is-saħħa u s-sikurezza.

Ir-regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza mhux se jkollhom impatt reali jekk l-infurzar u l-implimentazzjoni xierqa ma jkunux garantiti mill-Istati Membri. Huwa essenzjali li nesploraw għodod ġodda ta' infurzar, insaħħu l-awtoritajiet tax-xogħol u li l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol taqdi rwol fundamentali fl-iżgurar tal-konformità mar-regolamentazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza. Huwa importanti li l-Istati Membri jiġu mfakkra li l-kumpaniji jistgħu jibbenefikaw ħafna mill-assistenza u l-informazzjoni pprovduti mill-ispetturi tax-xogħol fir-rigward tal-miżuri preventivi.

Fl-aħħar nett, djalogu soċjali b'saħħtu, rappreżentanza tal-ħaddiema u impenn qawwi tal-maniġment għal standards għoljin tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali huma kruċjali biex il-prevenzjoni tar-riskju ta' mard u aċċidenti tirnexxi. Għad hemm ħafna aktar li nistgħu nagħmlu fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE, biex nipprovdu taħriġ kif ukoll biex nippromwovu l-involviment tar-rappreżentanti tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-postijiet tax-xogħol.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 1.2.2022 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 43<br>–: 3<br>0: 8 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Atidzhe Alieva-Veli, Marc Angel, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, David Casa, Ilan De Basso, Margarita de la Pisa Carrión, Özlem Demirel, Klára Dobrev, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Rosa Estaràs Ferragut, Nicolaus Fest, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, France Jamet, Agnes Jongerius, Radan Kanev, Ádám Kósa, Stelios Kympouropoulos, Katrin Langensiepen, Miriam Lexmann, Elena Lizzi, Giuseppe Milazzo, Dragoş Pîslaru, Manuel Pizarro, Dennis Radtke, Elżbieta Rafalska, Daniela Rondinelli, Mounir Satouri, Monica Semedo, Michal Šimečka, Beata Szydło, Eugen Tomac, Romana Tomc, Nikolaj Villumsen, Marianne Vind, Maria Walsh, Stefania Zambelli, Tatjana Ždanoka, Tomáš Zdechovský |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Marc Botenga, Peter Lundgren, Eugenia Rodríguez Palop, Véronique Trillet-Lenoir, Kim Van Sparrentak |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 43 | + |
|---|---|
| NI | Daniela Rondinelli |
| PPE | David Casa, Jarosław Duda, Rosa Estaràs Ferragut, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Radan Kanev, Stelios Kympouropoulos, Miriam Lexmann, Dennis Radtke, Eugen Tomac, Romana Tomc, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský |
| Renew | Atidzhe Alieva-Veli, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Dragoş Pîslaru, Monica Semedo, Michal Šimečka, Véronique Trillet-Lenoir |
| S&D | Marc Angel, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Ilan De Basso, Klára Dobrev, Estrella Durá Ferrandis, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Manuel Pizarro, Marianne Vind |
| The Left | Marc Botenga, Özlem Demirel, Eugenia Rodríguez Palop, Nikolaj Villumsen |
| Verts/ALE | Katrin Langensiepen, Mounir Satouri, Kim Van Sparrentak, Tatjana Ždanoka |

| 3 | - |
|---|---|
| ECR | Peter Lundgren, Margarita de la Pisa Carrión |
| ID | Nicolaus Fest |

| 8 | 0 |
|---|---|
| ECR | Giuseppe Milazzo, Elżbieta Rafalska, Beata Szydło |
| ID | Dominique Bilde, France Jamet, Elena Lizzi, Stefania Zambelli |
| NI | Ádám Kósa |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni